MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## S.T.O. PRIM IMHALLEF DE GAETANO VINCENT

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 216/2002

**Appell Nru 216/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lawrence Saliba**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lawrence Saliba talli fix-xhur immedjatament precedenti t-22 ta' Awissu, 2002 (data tac-citazzjoni) u wara l-14 ta' Lulju, 2002 zamm fond biswit ir-residenza tieghu fi Triq in-Nevew, Zabbar fejn ezercita xoghol ta' aluminju u haddem makkinarju minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u barra minn dan dejjaq lill-gara tieghu Alexandra Muscat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Settembru, 2002 li, wara li ssemmi l-fatti imputati, tghid

semplicement hekk: *"…Semghet ix-xhieda, inkluza dik ta' l-akkuzat; Issibu hati; Twahhlu ghoxrin lira (Lm20) ammenda."*;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Lawrence Saliba, minnu ppresentat fit-3 ta' Ottubru, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2002, f'liema udjenza din il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet li s-sentenza appellata ma kienx fiha indikazzjoni ta' l-artikolu jew artikoli tal-ligi li jikkontempla jew jikkontemplaw ir-reat jew reati li tieghu jew taghhom l-appellant instab hati;

Ikkunsidrat:

Kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, in-non-osservanza ta' l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali kif imfisser fit-tieni parti tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-imsemmi Kodici. Bhala konsegwenza din il-Qorti ghandha thassar is-sentenza appellata. B'dana kollu din il-Qorti, biex ma tipprivax lill-appellant mill-beneficcju tad-doppju ezami, mhix ser tghaddi biex tisma' l-kawza fil-mertu, izda ser tirrinvija l-atti lill-ewwel qorti ghal dana l-fini.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti thassar is-sentenza appellata, u tirrinvija l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din, okkorrendo wara li tisma' l-provi mill-gdid, tiddeciedi skond il-ligi fuq l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant permezz tac-citazzjoni datata 22 ta' Awissu, 2002.

Aldo Testone
Assistent Registratur